MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

### ONOR. IMHALLEF
### TONIO MALLIA

Seduta tal-5 ta' April, 2005

Citazzjoni Numru. 220/2005

**Borg Cold Stores (Import & Distribution) Ltd (C-22065)**

**vs**

**Finrac Limited (C-6759) u John Zammit (I.D. 237648(M))**

Il-Qorti:

Rat l-att tac-citazzjoni li bih is-socjeta' attrici ppremettiet illi:

Il-konvenuti *in solidum* bejniethom huma debitrici tas-socjeta' attrici fl-ammont ta' tmintax-il elf disa' mija sebgha u tmenin liri Maltin u wiehed u erbghin centezmi (Lm18,987.41) kif jirrizulta mill-annessi *statements* mmarkati bhala Dok. A u B, ammont rapprezentanti bilanc fuq hlas ghal merkanzija konsistenti f'prodotti ta' l-ikel u

tax-xorb ordnata u debitament ikkonsenjata lis-socjeta' konvenuta Finrac Limited in forza ta' skrittura privata datata 15 ta' April, 1999, li kopja taghha hi hawn esibita u mmarkata bhala Dok. C; u

Wara li s-socjeta' konvenuta, Finrac Limited, naqset milli tonora l-obbligi taghha, il-konvenut John Zammit proprio sussegwentement dahal f'*repayment programme* mas-socjeta' attrici kif jirrizulta wkoll minn document datat 19 ta' Novembru, 2003 debitament iffirmat mill-istess konvenut John Zammit, hawn anness u mmarkat bhala Dok. D; u

Il-konvenut John Zammit ma onorax l-obbligi kollha minnu assunta in forza ta' l-imsemmi Dok. D kif jirrizulta minn ittra mibghuta lilu mis-socjeta' attrici datata 25 ta' Frar, 2005, hawn annessa u mmarkata bhala Dok. E; u

Il-konvenuti, jew min minnhom, minkejja li gew interpellati diversi drabi sabiex ihallsu l-ammont minnhom dovut, baqghu inadempjenti; u

L-ammont mitlub huwa cert, likwidu u dovut u, fil-fehma tas-socjeta' attrici, il-konvenuti m'ghandhom ebda eccezzjonijiet x'jissollevaw kontra t-talbiet attrici; u

Ghaldaqstant, ghal dawn il-proceduri huma applikabbli d-dispozizzjonijiet ghad-dispensa mis-smiegh tal-kawza *a tenur* ta' l-artikoli 167 *et seq,* tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili.

Talbu lill-konvenuti jghidu ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

1. Taqta' u tiddiciedi din il-kawza bid-dispensa mis-smiegh tal-kawza *a tenur* ta' l-artikoli 167 *et seq*. tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili; u

2. Konsegwentement, tikkundanna lill-konvenuti *in solidum* bejniethom illi jhallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' tmintax-il elf disa' mija sebgha u tmenin liri Maltin u

wiehed u erbghin centezmi (Lm18,987.41), lilha dovuta kif fuq premess.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-mandat ta’ sekwestru kawtelatorju numru 288/05, u bl-interessi kummercjali skond il-Ligi mid-data tal-konsenja relattiva sad-data tal-hlas effettiv kontra l-konvenuti li jibqu minn issa ingunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni w in-nota tax-xhieda tas-socjeta’ attrici;

Rat illi c-citazzjoni giet debitament notifikata lill-konvenuti li naqsu li jipprezentaw nota ta’ eccezzjonijiet u hemm baqghu kontumaci;

Ezaminat l-atti tal-kawza;

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata.

Fil-kontumacja tal-konvenuti tiddeciedi billi tilqa’ t-talba tas-socjeta’ attrici kif dedotta fic-citazzjoni bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------